Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9653 — Pon Tyre Group/Gilde Fund V/Gundlach Automotive Corporation)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 412/07)

1. Fid-29 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Pon Tyre Group B.V. (in-Netherlands), li tappartjeni għall-grupp Pon ("Pon"),

— Gilde Fund V (in-Netherlands), ġestita minn Gilde V Management B.V. (in-Netherlands),

— Gundlach Automotive Corporation (il-Ġermanja), li bħalissa hija kontrollata biss minn Gilde Fund V.

Pon u Gilde Fund V jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta'Gundlach Automotive Corporation kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Pon Tyre Group B.V.: Pon Tyre Group B.V. huwa parti mill-grupp Pon. Pon huwa attiv f'erba' setturi kummerċjali differenti: Is-settur tal-karozzi li jinkludi d-distribuzzjoni tat-tyres, Pon Bike, Tagħmir u Sistemi tal-Enerġija u l-Mobilità Industrijali,

— Gilde Fund V: Gilde Fund V hija kumpanija tal-investiment fl-ekwità privata attiva fil-konsulenza, il-ġestjoni u l-investiment f'kumpaniji tas-suq medju,

— Gundlach Automotive Corporation: Gundlach Automotive Corporation hija prinċipalment attiva fid-distribuzzjoni tat-tyres, rummijiet tar-roti, roti ffittjati, sensuri TPMS u servizzi relatati u tipprovdi programmi għar-roti u servizzi ta' assemblaġġ lill-manifatturi tat-tagħmir oriġinali (original equipment manufacturers, OEMs).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9653 — Pon Tyre Group/Gilde Fund V/Gundlach Automotive Corporation

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email:COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks+32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.